



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Mejju 2016
(OR. en)

9611/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0152 (COD)

MI 396
TELECOM 104
DIGIT 60
CONSOM 130
IND 116
COMPET 339
ENT 102
POSTES 3
JUSTCIV 155
PI 64
CODEC 772
IA 31

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Mejju 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 289 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmaż id-dokument COM(2016) 289 final.

Mehmaż: COM(2016) 289 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.5.2016
COM(2016) 289 final

2016/0152 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{ SWD(2016) 173 final }

{ SWD(2016) 174 final }

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għal u objettivi tal-proposta**

L-Istrateġija għas-Suq Uniku Digitali¹ adottata f'Mejju 2015 u l-Istrateġija għas-Suq Uniku² adottata f'Ottubru 2015 ħabbru azzjoni leġislattiva biex jiġi indirizzat l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u biex tiġi miġġielda b'mod komprensiv id-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità u l-post tar-residenza jew ta' stabbiliment (f'dan il-memorandum ta' spjegazzjoni għal referenza faċli tintuża "**residenza**" għal kull waħda minnhom).

L-għan ġenerali ta' din il-proposta huwa li tagħti lill-konsumaturi aċċess aħjar għall-prodotti u s-servizzi fis-Suq Uniku billi tipprevjeni d-diskriminazzjoni diretta u indiretta min-negozjanti li jissegmentaw b'mod artifiċjali s-suq abbażi tar-residenza tal-konsumaturi. Il-konsumaturi jesperjenzaw dawn id-differenzi fit-trattament meta jixtru online, imma anki meta jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħrajn biex jixtru xi prodotti jew servizzi.

Minkejja l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fl-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2006/123/KE³ ("id-Direttiva dwar is-Servizzi"), il-konsumaturi għadhom jiffaċċjaw rifjuti ta' bejgħ u kundizzjonijiet differenti, meta jixtru prodotti jew servizzi b'mod transfruntier. Dan huwa prinċipalment minħabba l-inċertezza dwar x'jikkostitwixxi kriterji oġġettivi fil-mod ta' kif in-negozjanti jitrattaw lill-konsumaturi. Sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-problema, in-negozjanti u l-konsumaturi għandu jkollhom aktar ċarezza dwar is-sitwazzjonijiet li fihom differenzi fit-trattament abbażi tar-residenza mhumiex ġustifikabbli.

Din il-proposta tipprojbixxi l-imblukkar tal-aċċess għal siti web u interfaċċi online oħrajn u t-trasferiment (rerouting) tal-konsumaturi minn verżjoni ta' pajjiż għal oħra ta' pajjiż ieħor. Barra minn hekk, tipprojbixxi d-diskriminazzjoni kontra l-konsumaturi f'erba' każijiet speċifiċi tal-bejgħ tal-prodotti u s-servizzi u ma tippermettix l-evitar ta' tali projbizzjoni fuq id-diskriminazzjoni fi ftehimiet tal-bejgħ passivi. Kemm il-konsumaturi kif ukoll in-negozji bħala utenti aħħarin ta' prodotti u servizzi huma affettwati minn dawn il-prattiki u għandhom għalhekk jibbenefikaw mir-regoli stabbiliti f'din il-proposta. Madankollu, it-tranżazzjonijiet fejn il-prodotti u s-servizzi jinxtraw minn negozju għall-bejgħ mill-ġdid għandhom jiġu esklużi sabiex jippermettu lin-negozjanti jistabbilixxu s-sistemi ta' distribuzzjoni tagħhom f'konformità mad-dritt Ewropew tal-kompetizzjoni.

Din il-proposta ma tindirizzax l-ipprezzar bħala tali u n-negozjanti konsegwentement jibqgħu ħielsa li jistabbilixxu l-prezzijiet tagħhom b'mod mhux diskriminatorju. Barra minn hekk, lanqas ma tindirizza l-ipprezzar dinamiku, fejn in-negozjanti jadattaw l-offerti tagħhom maż-żmien, skont numru ta' fatturi li mhumiex marbutin mar-residenza tal-konsumaturi.

¹ COM (2015) 192 final.

² COM (2015) 550 final.

³ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-prinċipju tal-pajjiż tal-orijini skont id-Direttiva 2000/31/KE⁴ ("id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku") iippermetta lin-negozjanti li jipprovdu servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni biex joperaw bejn il-fruntieri u jipprovdu s-servizzi tagħhom fuq il-bażi tar-regoli applikabbli fil-pajjiż ta' stabbiliment tagħhom. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar is-Servizzi tinkludi drittijiet għal dawk li jirċievu s-servizz u għandha l-għan li tiżgura, skont l-Artikolu 20 li l-fornituri tas-servizzi stabbiliti fl-Unjoni ma jitrattawx lill-konsumaturi b'mod differenti abbażi tan-nazzjonalità tagħhom jew tal-post tar-residenza, la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett. Madankollu, l-Artikolu 20 ma jindirizzax biżżejjed id-diskriminazzjoni tal-konsumaturi u ma naqqasx l-inċertezza legali. B'riżultat ta' dan, kien diffiċli li tiġi infurzata r-regola tan-nondiskriminazzjoni fil-prattika. Din il-proposta, biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, tiżgura li f'każ ta' kunflitt mal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament jipprevalu.

Hemm ukoll dispożizzjonijiet oħrajn li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni, inkluż permezz taċ-ċaħda ta' aċċess għal siti web jew rerouting, għal raġunijiet relatati mar-residenza, eżempju fis-settur tat-trasport.⁵

Rigward in-nondiskriminazzjoni fl-użu tal-mezzi ta' pagament, ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 diġà jipprojbixxi lin-negozjanti milli jitolbu li l-kontijiet bankarji jkunu minn ċertu Stat Membru sabiex ikun jista' jsir il-pagament. Dan il-prinċipju ma jeżistix għal mezzi oħra ta' pagament. Ir-Regolament (UE) 2015/71 iffaċilita l-użu tal-kards tal-kreditu billi stabbilixxa limitu massimu tat-tariffi tal-interkambju għal tranżazzjonijiet ta' pagament bil-kards. Id-Direttiva (UE) 2015/2366⁶ ukoll wittiet it-triq għal suq integrat bis-sħiħ għall-pagamenti bl-imnut fl-UE. Dan ir-Regolament imur pass aktar 'il quddiem billi jwaqqaf lin-negozjanti milli japplikaw kundizzjonijiet ta' pagament differenti abbażi tar-residenza tal-konsumatur. Madankollu, huwa importanti li wieħed jiftakar, li n-negozjanti għandhom il-libertà li jiddeċiedu liema mezzi ta' pagament jaċċettaw vis-à-vis l-konsumaturi lokali u barranin.

Il-proposta hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni eżistenti dwar il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni⁷.

⁴ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern.

⁵ L-Artikolu 1(a) u l-Artikolu 4(2) kemm tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u anki r-Regolament (UE) Nru 1177/2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passiġġi fuq l-ilma interni jirregolaw il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. L-Artikoli 23(2) u 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità jirreferu għan-nondiskriminazzjoni fit-trasport bl-ajru.

⁶ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u r-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Din il-proposta żżid ma' inizjattivi oħrajn tal-istrateġiji għas-Suq Uniku Diġitali u għas-Suq Uniku u għandha l-għan li toħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għal titjib fl-aċċess għas-servizzi għall-konsumaturi u għan-negozji madwar l-Unjoni.

Dawn l-inizjattivi jinkludu l-proposti għal "Direttiva dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-provvista tal-kontenut diġitali"⁸ u għal "Direttiva dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ online u bejgħ mill-bogħod ieħor ta' prodotti"⁹. Dawn il-proposti għandhom l-għan li jiksibu armonizzazzjoni sħiħa fl-oqsma koperti. Ladarba jiġu adottati, dawn ser ikomplu jnaqqsu d-differenzi fil-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur tal-Istati Membri, speċjalment fir-rigward tar-rimedji li għalihom il-konsumaturi huma intitolati fil-każ ta' prodotti jew kontenut diġitali difettużi.

Barra minn hekk, il-proposta għal "Regolament dwar servizzi ta' kunsinni transfruntiera tal-pakketti" għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet u s-sorveljanza regolatorja f'dak il-qasam. Il-konsumaturi u n-negozji żgħar jirrapportaw li l-problemi bis-servizzi tal-kunsinni tal-pakketti, b'mod partikolari l-prezzijiet għoljin, iwaqqfuhom milli jbigħu aktar fi Stati Membri oħrajn jew milli jixtru aktar minnhom. Il-proposta għal "Regolament rivedut dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumatur" għandha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni nazzjonali tal-konsumatur u tipprovdi mekkaniżmu ta' infurzar transfruntier aktar b'saħħtu għat-talbiet tal-konsumaturi. Dawn iż-żewġ inizjattivi huma wkoll skedati għall-pubblikazzjoni fil-25 ta' Mejju 2016. L-inizjattiva dwar l-estensjoni tal-Mekkaniżmu Elettroniku Uniku għar-reġistrazzjoni tal-VAT għandha l-għan li tkompli tissimplifika l-kummerċ transfruntier billi tnaqqas il-piż amministrattiv tar-reġistrazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq in-negozjanti.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE. Dan l-Artikolu jagħti lill-UE s-setgħa li tadotta miżuri li għandhom bħala l-għan tagħhom, l-abolizzjoni tal-ostakoli għall-moviment liberu ta', fost l-oħrajn, il-prodotti u s-servizzi. L-isforzi li saru biex jiġu aboliti dawn l-ostakoli jistgħu jiġu newtralizzati minn ostakoli mqajma minn partijiet privati, li jissegmentaw is-suq intern tul il-fruntieri nazzjonali. Dan huwa aktar problematiku fil-kuntest tas-suq intern f'sitwazzjoni fejn il-liġijiet rilevanti tal-Istati Membri mhumiex ċari, uniformi u effettivi biżżejjed biex jiġġieldu kontra dawn l-ostakoli. Għalhekk, il-proposta tindirizza l-prattiki li jfixklu l-moviment liberu tal-prodotti u s-servizzi fi ħdan is-suq intern.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

L-aċċess għall-prodotti u s-servizzi fuq bażi mhux diskriminatorja fi ħdan is-suq intern huwa essenzjalment kwistjoni transfruntiera. Huwa meħtieġ l-intervent tal-UE biex tiġi prevenuta d-diskriminazzjoni abbażi tar-residenza fit-tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntiera. L-intervent leġislativ mill-Istati Membri mhuwiex biżżejjed biex tiġi żgurata n-

⁸ COM(2015) 634 final, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali.

⁹ COM(2015) 635 final, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jirrigwardaw il-kuntratti għall-bejgħ online u bejgħ mill-bogħod ieħor ta' prodotti.

nondiskriminazzjoni f'sitwazzjonijiet transfruntiera. F'termini ta' effettività, intervent tal-UE biss jista' jiżgura li l-kundizzjonijiet għall-aċċess tal-konsumaturi għall-prodotti u s-servizzi ma jvarjawx madwar l-Unjoni. L-azzjoni tal-UE ser tiżgura ċertezza legali ikbar billi tiċċara s-sitwazzjonijiet li fihom it-trattament differenti abbażi tar-residenza huwa meqjus bħala diskriminatorju u għalhekk huwa pprojbit.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi madwar l-Unjoni u toħloq, b'mod partikolari, obbligi mmirati lejn in-negozjanti biex ma jiddiskriminawx bejn il-konsumaturi abbażi tar-residenza f'ċirkostanzi speċifiċi. Dawn l-obbligi ma jestendux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jiġu solvuti l-problemi identifikati u huma limitati għas-sitwazzjonijiet stabbiliti fil-proposta. Il-proposta żżid ukoll iċ-ċertezza legali għan-negozjanti billi tiċċara l-obbligi eżistenti u tispeċifika meta l-konsumaturi għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali fix-xiri transfruntier. Barra minn hekk, il-proposta ma timponi l-ebda spiża sproporzjonata fuq in-negozjanti. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-proposta jikkonsistu l-iżjed fi spejjeż ta' adattament ta' darba.

- **L-għażla tal-istrument**

Filwaqt li strument mhux vinkolanti bħar-rakkomandazzjoni jew il-linji gwida ma jistax jappoġġja l-iżviluppi tas-suq f'dan il-qasam, l-effettività tat-tali strument hija mistennija li tkun limitata ħafna. Il-linji gwida tal-Kummissjoni¹⁰ dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tat-8 ta' Ġunju 2012 jipprovdu kjarifika anki f'sitwazzjonijiet speċifiċi, bħal dawk koperti minn din il-proposta. Madankollu, l-Istati Membri ma adattawx liġijiet nazzjonali biex jipprovdu drittijiet aktar konkreti lill-konsumaturi jew aktar infurzar, u n-negozjanti ma biddlux il-prattika tagħhom.

Għal din ir-raġuni, strument leġiżlattiv biss jista' jindirizza l-problemi identifikati b'mod effettiv. Regolament ikun ippreferut, minħabba li huwa applikabbli b'mod dirett fl-Istati Membri, jistabbilixxi l-istess livell ta' obligazzjonijiet għall-partijiet privati, u jippermetti l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar in-nondiskriminazzjoni abbażi tar-residenza madwar l-Istati Membri kollha.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, IL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati**

Twettqet konsultazzjoni pubblika kbira bejn l-24 ta' Settembru u t-28 ta' Diċembru 2015. Hawnhekk, ġew mitluba l-fehmiet tal-konsumaturi, tan-negozji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-Istati Membri. Waslu 433 tweġiba. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika ġew ippubblikati u huma inklużi wkoll fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Barra minn hekk, fil-bidu tal-2015, il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati (konsumaturi, negozji, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozju u awtoritajiet nazzjonali), inkluż permezz tal-

¹⁰ SWD(2012) 146 final, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bl-għan li tiġi stabbilita gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern ("id-Direttiva dwar is-Servizzi")

workshops tal-partijiet ikkonċernati, biex jiġu vvalutati diversi possibbiltajiet għall-intervent tal-UE u l-impatt tagħhom. Fit-18 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni organizzat workshop f'Amsterdam biex jiġi diskuss l-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika u l-possibbiltajiet ta' progress.

Il-maġġoranza vasta tal-konsumaturi esperjenzaw imblukkar ġeografiku jew restrizzjonijiet oħrajn ibbażati fuq il-ġeografija meta marru jixtru f'pajjiż ieħor tal-UE. Il-prodotti u s-servizzi li huma l-aktar milquta mill-imblukkar ġeografiku huma l-ħwejjeġ, iż-żraben u l-aċċessorji, il-midja fiżiċi (kotba), il-hardwer tal-kompjuter u l-affarijiet elettroniċi, il-biljetti tal-ajruplan, il-kiri tal-karozzi, il-kontenut diġitali bħas-servizzi tal-istruzzjoni, il-logħob tal-kompjuter u s-software, il-kotba diġitali u l-MP3s. Il-maġġoranza tal-konsumaturi u tan-negozji jqisu li n-negozjanti għandhom jinformaw lill-konsumaturi dwar ir-restrizzjonijiet tal-bejgħ. Il-konsumaturi esprimew appoġġ għal għażla ta' politika li ttrikkedi lin-negozjanti jaċċettaw tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntiera, madankollu mingħajr ma jkollhom l-obbligu li jikkonsenjaw. Il-maġġoranza tan-negozji jopponu obbligu tal-bejgħ u tal-kunsinni madwar l-UE u jenfasizzaw l-importanza li jfasslu l-prezzijiet fi swieq nazzjonali differenti, u jenfasizzaw il-bżonn li tiġi rispettata l-libertà ekonomika u kuntrattwali tagħhom. Il-maġġoranza kbira tal-gruppi kollha ta' dawk li wiegħu jaqblu li l-infurzar tar-regoli u r-rekwiżiti tal-informazzjoni għandhom jittejjbu.¹¹

• **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Il-Kummissjoni nediet sħarriġ kbir dwar ix-xiri bil-moħbi, li fih ġew analizzati madwar 10 500 sit web fl-UE u ġew immudellati sitwazzjonijiet tipiċi ta' xiri transfruntiera. Sħarriġ tal-Ewrobarometru mill-2016 li jiffoka fuq ir-relazzjonijiet bejn in-negozji wera li, bħala utenti aħħarin tal-prodotti u tas-servizzi, il-kumpaniji jiffaċċjaw restrizzjonijiet simili għal dawk iffaċċjati mill-konsumaturi. Il-Kummissjoni analizzat numru kbir ta' lmenti relatati max-xiri transtransfruntier u wettqet evalwazzjoni tal-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar is-Servizzi. F'Mejju 2015, il-Kummissjoni nediet inkjesta dwar il-kompetizzjoni fis-settur tal-kummerċ elettroniku, u rrapportat is-sejbiet inizjali tagħha dwar l-imblukkar ġeografiku f'Marzu 2016¹². Il-Kummissjoni ddiskutiet ukoll din l-inizjattiva mal-Istati Membri fi gruppi ta' esperti tad-Direttiva dwar is-Servizzi u d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta¹³. Fil-21 ta' April 2016, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni pożittiva għall-valutazzjoni tal-impatt sottomessa mill-ġdid. Il-kummenti ta' dan il-Bord huma inklużi fil-Valutazzjoni tal-Impatt finali.

Il-valutazzjoni tal-impatt finali teżamina ħames xenarji u tasal għall-konklużjonijiet li ġejjin: Ġiet ikkunsidrata l-għażla li tikkonċerna ż-żieda tat-trasparenza (għażla 1), iżda din mhux ser tikseb l-għan waħedha. Trasparenza ikbar flimkien ma' projbizzjoni fuq l-imblukkar tal-aċċess għal sit web (għażla 2), flimkien mal-projbizzjoni kunsenswali tar-rerouting kienet meqjusa ta' vantaġġ iżda din setgħet tindirizza biss parti żgħira mill-problema. L-għażla preferuta (għażla 3) hija li dawn iż-żewġ elementi jiġu kkombinati mad-definizzjoni ta' ċerti

¹¹ Ir-rapport tat-taqisra tal-konsultazzjoni pubblika huwa ppubblikat hawn: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/full-report-results-public-consultation-geoblocking>

¹² Is-sejbiet inizjali huma ppubblikati hawn: http://ec.europa.eu/competition/antitrust/sector_inquiries_e_commerce.html

¹³ SWD(2016)173 u SWD(2016)174.

sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom id-diskriminazzjoni ġeografika ma tistax tiġi ġustifikata (għall-prodotti, jekk ma jkunx hemm konsenja transfruntier min-negozjant; għal servizzi forniti b'mod elettroniku; u għal servizzi rċevuti barra mill-Istat Membru tal-konsumatur). Għażla oħra kienet tikkonsisti fl-istabbiliment ta' lista addizzjonali ta' ġustifikazzjonijiet sabiex jiġu elaborati l-prinċipji tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi (għażla 4), iżda din twarrbet minħabba l-komplessità tagħha. L-aħħar għażla (għażla 5), li tkun tirrikjedi li n-negozjanti jagħmlu kunsinni ta' prodotti tanġibbli bejn il-fruntieri, twarrbet minħabba li timponi spejjeż sproporzjonati fuq in-negozji.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tapplika kemm għan-negozjanti kif ukoll għall-konsumaturi, jiġifieri l-konsumaturi u n-negozji bħala l-utenti aħħarin. Dawn il-kategoriji jinkludu intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) u anki mikrointrapriżi. L-eżenzjoni ta' dawn il-kumpaniji mir-regoli tista' ddgħajef l-effettività tal-miżura, minħabba li l-maġġoranza tal-kummerċ online fl-Unjoni jitwettagħ mill-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi fl-Unjoni.

Il-proposta ser ikollha effetti pożittivi fuq il-kompetittività billi ttejjeb l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi fi ħdan is-suq intern għall-konsumaturi u n-negozji. Fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali, in-negozjanti stabbiliti fil-pajjiżi terzi jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament sal-punt li dawn ibiġġu (jew għandhom l-intenzjoni li jbiġġu) prodotti u servizzi lill-konsumaturi fl-Unjoni.

Il-proposta tikkonċerna l-ambjent offline u online, u tqis l-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda fejn rilevanti u hija "lesta għad-diġitali u għall-internet" (digital and internet ready).

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta b'mod partikolari l-Artikoli 16 ("libertà ta' intrapriża") u 17 ("dritt għall-proprjetà") tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. In-negozjanti diġà huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar in-nondiskriminazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni. In-negozjanti jistgħu jkomplu jiddeċiedu dwar fejn u meta joffru l-prodotti jew is-servizzi lill-konsumaturi. Il-libertà tagħhom li jirrifjutaw talba għall-bejgħ jew li japplikaw kundizzjonijiet differenti hija limitata biss b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' nondiskriminazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-raġunijiet l-oħrajn kollha biex ma jsirx bejgħ jew biex jiġu applikati kundizzjonijiet oħrajn jibqgħu disponibbli għan-negozjanti, eż. jekk il-prodott ma jkunx aktar disponibbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-bagīt tal-Unjoni Ewropea.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u monitoraġġ, evalwazzjoni u arranġamenti tar-rapportar**

Ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni twettaq reviżjonijiet perjodiċi tal-impatt tal-proposta.

Il-Kummissjoni ser timmonitorja kif il-parteciċipanti fis-suq madwar l-Unjoni japplikaw ir-Regolament sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti. Ser tiffoka wkoll fuq l-effetti tar-regoli.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta.**

L-Artikolu 1 jispeċifika s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-proposta huwa allinjat ma' dak tad-Direttiva 2006/123/KE sal-limitu possibbli sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u ċ-ċertezza legali massima għan-negozjanti u għall-konsumaturi. Dan ifisser li, fost l-oħrajn, is-servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali, is-servizzi tat-trasport, is-servizzi adwjożivi, l-attivitajiet tal-logħob tal-azzard, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u ċerti servizzi soċjali huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali huwa mfassal biex jinkludi b'mod ugwali n-negozjanti stabbiliti fl-UE u dawk stabbiliti f'pajjiżi terzi iżda li qed ibigħu jew li għandhom l-għan li jbigħu prodotti u servizzi lill-konsumaturi fl-Unjoni. L-Artikolu 1 jipprovdi wkoll iċ-ċertezza lin-negozjanti li l-konformità ma' dan ir-Regolament bħala tali ma tfissirx li n-negozjant qed jimmira l-attivitajiet tiegħu jew tagħha lejn ċertu Stat Membru għall-finijiet tar-Regolament (KE) 593/2008¹⁴ u r-Regolament (UE) Nru 1215/2012¹⁵, li jirregolaw kwistjonijiet relatati mal-liġi u mal-ġurisdizzjoni applikabbli.

L-Artikolu 2 jinkludi d-definizzjonijiet rilevanti.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi l-obbligi fuq in-negozjanti biex ma jiċħdux l-aċċess għall-interfaċċi online tagħhom abbażi tar-residenza tal-konsumaturi. Jeħtieġ ukoll il-kunsens tal-konsumaturi għar-rerouting u jirrikjedi wkoll lin-negozjanti jżommu aċċessibbli b'mod faċli l-verżjoni tal-interfaċċi online li l-konsumatur kien fittex li jaċċessa qabel ma kien hemm ir-rerouting. In-negozjant huwa eżentat minn dawn l-obbligi fejn ir-restrizzjonijiet għall-aċċess jew ir-rerouting huma meħtieġa bil-liġi. F'dawn il-każijiet eċċezzjonali n-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi tliet sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom id-diskriminazzjoni tal-konsumaturi abbażi tar-residenza hija pprojbita. L-ewwel sitwazzjoni tikkonċerna l-bejgħ ta' prodotti fiżiċi meta n-negozjant ma jkunx involut fil-konsenja tal-prodott lill-Istat Membru tal-konsumatur. It-tieni sitwazzjoni tikkonċerna l-provvista ta' servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor. It-tielet sitwazzjoni tapplika għas-servizzi, li huma pprovduti min-negozjant fi Stat Membru differenti minn dak tal-Istat Membru ta' residenza tal-konsumatur.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi regoli ta' nondiskriminazzjoni fil-kuntest tal-pagamenti. Din ir-regola tipprovdi li, f'ċerti każijiet, in-negozjanti ma jistgħux jirrifjutaw jew inkella jiddiskriminaw fir-rigward tal-istrumenti ta' pagament (bħal karti ta' kreditu jew ta' debitu).

L-Artikolu 6 jipprovdi li l-ftehmiet man-negozjanti li jkun fihom restrizzjonijiet ta' bejgħ passiv li jwasslu għal ksur tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu awtomatikament nulli. Huwa mfassal biex jevita ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn ir-regoli b'mezzi kuntrattwali.

L-Artikolu 7 jirrigwarda l-infurzar mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

L-Artikolu 8 jirrikjedi li l-Istati Membri jaħtru korp wieħed jew iżjed biex jipprovdu assistenza Prattika lill-konsumaturi b'rabta mat-tilwim li jirriżulta minn dan ir-Regolament.

L-Artikolu 9 jirrigwarda r-reviżjonijiet perjodiċi tal-applikazzjoni tar-Regolament mill-Kummissjoni. Hawnhekk huwa speċifikat li l-ewwel evalwazzjoni għandha tevalwa, b'mod partiklari, jekk il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni stabbilita fl-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi estiża għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-ġoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negożjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

L-Artikolu 10 jipprovdi għal żewġ emendi ta' strumenti eżistenti li huma relatati b'mod speċifiku mal-protezzjoni tal-konsumaturi, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE. Dan ikun ifisser li dan ir-Regolament jiżdied fl-Annessi ta' dawk l-atti legali sabiex ikun jista' jiġi wkoll infurzat permezz tal-miżuri pprovduti fir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur kif ukoll fid-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet.

L-Artikolu 11 jittratta d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, bħala żona mingħajr fruntieri interni fejn jiġi żgurat il-moviment liberu ta', fost l-oħrajn, il-prodotti u s-servizzi, mhuwiex biżżejjed li jiġi aboliti, bħal bejn l-Istati Membri, l-ostakoli tal-Istat biss. Din l-abolizzjoni tista' tiġi mminata minn partijiet privati li jistabbilixxu ostakoli li huma inkonsistenti mal-libertajiet tas-suq intern. Dan iseħħ meta n-negozjanti li joperaw fi Stat Membru wieħed jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess għall-interfaċċi online tagħhom, bħal siti web u apps, tal-konsumaturi minn Stati Membri oħrajn li jixtiequ jidħlu fi tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntiera (prattika magħrufa bħala mblukkar ġeografiku). Dan iseħħ ukoll permezz ta' azzjonijiet oħrajn minn ċerti negozjanti li jinvolvu l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom b'rabta ma' dawn il-konsumaturi minn Stati Memrbi oħrajn kemm online u anki offline. Billi xi kultant jista' jkun hemm ġustifikazzjonijiet oġġettivi għat-tali trattament differenzjali, f'każijiet oħrajn in-negozjanti jiċħdu lill-konsumaturi li jkun jixtiequ jidħlu fi tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntiera milli jkollhom aċċess għall-prodotti jew

¹⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

għas-servizzi, jew japplikaw kundizzjonijiet differenti f'dan ir-rigward, għal raġunijiet purament kummerċjali.

- (2) B'dan il-mod ċerti negozjanti jissegmentaw b'mod artifiċjali s-suq intern tul il-fruntieri interni u jfixxlu l-moviment liberu tal-prodotti u servizzi, u b'hekk jillimitaw id-drittijiet tal-konsumaturi u ma jħalluhomx jibbenefikaw minn għażla aktar wiesgħa u minn kundizzjonijiet aħjar. Prattiki diskriminatorji bħal dawn huma fattur importanti li jikkontribwixxu għal-livell relattivament baxx tat-tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntiera fi ħdan l-Unjoni, inkluż fis-settur tal-kummerċ elettroniku, li jipprevjenu milli jseħħ il-potenzjal tat-tkabbir sħiħ tas-suq. L-iċċarar ta' liema sitwazzjonijiet fejn ma jistax ikun hemm ġustifikazzjoni għat-trattament differenzjali ta' dan it-tip, għandu jgħib ċarezza u ċertezza legali għall-partiċipanti kollha fit-tranżazzjonijiet transfruntiera u għandu jiżgura li r-regoli dwar in-nondiskriminazzjoni jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv u jiġu infurzati fis-suq intern kollu.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi stabbiliti fl-Unjoni ma jitrattawx lir-riċevituri tas-servizzi b'mod differenti abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post tar-residenza tagħhom. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma kinitx effettiva bis-sħiħ f'dak li għandu x'jaqsm mal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u ma naqsitx b'mod suffiċjenti l-inċertezza legali, b'mod partikolari minħabba l-possibbiltà li jiġu ġġustifikati d-differenzi fit-trattament li tippermetti u d-diffikultajiet korrispondenti fl-infurzar tagħha fil-prattika. Barra minn hekk, b'konsegwenza tal-azzjonijiet minn negozjanti stabbiliti f'pajjiżi terzi, jista' jirriżulta mblukkar ġeografiku u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post ta' stabbiliment, li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
- (4) Għall-finijiet li jiġi assigurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-miżuri fil-mira stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jipprovdu għal sett ta' regoli ċari, uniformi u effettivi fuq għadd magħżul ta' kwistjonijiet, huma għalhekk meħtieġa.
- (5) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jipprevjeni d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, inkluż l-imblukkar ġeografiku, fit-tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntiera bejn negozjanti u konsumaturi li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ ta' prodotti u mal-provvista ta' servizzi fi ħdan l-Unjoni. Għandu l-għan li jindirizza d-diskriminazzjoni diretta kif ukoll dik indiretta, biex b'hekk ikopri wkoll id-differenzi mhux ġustifikati fit-trattament abbażi ta' kriterji oħrajn ta' distinzjoni li jwasslu għall-istess riżultat bħall-applikazzjoni tal-kriterji bbażati b'mod dirett fuq in-nazzjonalità tal-konsumaturi, tal-post tar-residenza jew tal-post ta' stabbiliment. Kriterji oħrajn bħal dawn jistgħu jiġu applikati, b'mod partikolari, abbażi ta' informazzjoni li tindika l-lokazzjoni fiżika tal-konsumaturi, bħall-indirizz tal-IP li jintuża meta tiġi aċċessata interfaċċa online, l-indirizz sottomess għall-konsenja tal-prodotti, l-għażla tal-lingwa li saret jew l-Istat Membru fejn intuża l-istrument ta' pagament tal-konsumatur.
- (6) Meta jitqies li xi ostakoli regolatorji u amministrattivi għan-negozjanti tneħħew mill-Unjoni kollha f'ċerti setturi tas-servizzi minħabba l-implimentazzjoni tad-

¹⁷ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

Direttiva 2006/123/KE, f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni materjali, il-konsistenza bejn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2006/123/KE għandha tiġi żgurata. B'konsegwenza ta' dan, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw, fost l-oħrajn, għal servizzi awdjoviżivi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-ġoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, madankollu soġġetti għall-esklużjoni speċifika tal-Artikolu 4 u l-evaluwazzjoni sussegwenti ta' dik l-esklużjoni kif previst fl-Artikolu 9. Is-servizzi awdjoviżivi, inklużi servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom huwa l-ġoti ta' aċċess għal xandiriet ta' avvenimenti sportivi u li huma pprovduti abbażi ta' liċenzji territorjali esklużivi, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-aċċess għal servizzi finanzjarji għall-konsumatur, inklużi servizzi ta' pagament, għandhom għalhekk jiġu esklużi wkoll, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward in-nondiskriminazzjoni fil-pagamenti.

- (7) Id-diskriminazzjoni tista' sseħħ ukoll fir-rigward ta' servizzi fil-qasam tat-trasport, b'mod partikolari fir-rigward tal-bejgħ tal-biljetti għat-trasport tal-passiġġieri. Madankollu, f'dan ir-rigward ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ u r-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ diġà jinkludu projbizzjonijiet wiesgħa ta' diskriminazzjonijiet li jkopru l-prattiki diskriminatorji kollha li dan ir-Regolament għandu l-għan li jindirizza. Barra minn hekk huwa maħsub li r-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ ser jiġi emendat f'dan is-sens fil-futur. Għalhekk, u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE, is-servizzi fil-qasam tat-trasport għandhom jibqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (8) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli fil-qasam tat-tassazzjoni, peress li t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovd i bażi speċifika għall-azzjoni fil-livell tal-Unjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' tassazzjoni.
- (9) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²², l-għażla tal-liġi applikabbli għall-kuntratti bejn konsumatur u professjonist li jwettaq l-attivitajiet kummerċjali jew professjonali tiegħu jew tagħha fil-pajjiż fejn il-konsumatur għandu r-residenza abitwali tiegħu jew tagħha jew, bi kwalunkwe mezz, jidderieġi dawn l-attivitajiet lejn dak il-pajjiż jew lejn diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż, tista' ma twassalx għaċ-ċaħda tal-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lillu

¹⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passiġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

²² Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

mid-dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim bis-saħħa tal-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur għandu r-residenza abitwali tiegħu jew tagħha. F'konformità mar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratt bejn konsumatur u professjonist li jinvolve ruħu f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur jew, bi kwalunkwe mezz, jidderieġi dawn l-attivitajiet lejn dak l-Istat Membru jew lejn diversi Stati inkluż dak l-Istat Membru, konsumatur jista' jressaq proċedimenti kontra l-parti l-oħra fil-qrati tal-Istat Membru fejn ikun domiċiljat u l-proċedimenti jistgħu jinġiebu kontra l-konsumatur f'dawk il-qrati biss.

- (10) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-atti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali u dwar il-ġurisdizzjoni stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ u (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, inkluż l-applikazzjoni ta' dawk l-atti u dawk id-dispożizzjonijiet f'każijiet individwali. B'mod partikolari, is-sempliċi fatt li negozjant jaġixxi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandux jiġi interpretat li jimplika li hu jidderieġi l-attivitajiet tiegħu lejn l-Istat Membru tal-konsumatur għall-fini ta' din l-applikazzjoni.
- (11) Ġeneralment, il-prattiki diskriminatorji li dan ir-Regolament għandu l-għan li jindirizza jseħħu permezz ta' termini ġenerali, kundizzjonijiet jew informazzjoni oħra stabbiliti u applikati minn jew f'isem in-negozjant ikkonċernat, bħala prekondizzjoni għall-ksib tal-aċċess għall-prodotti jew għas-servizzi inkwistjoni, u li huma disponibbli għall-pubbliku b'mod ġenerali. Dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ta' aċċess jinkludu fost l-oħrajn prezzijiet, kundizzjonijiet ta' pagament u kundizzjonijiet ta' konsenja. Dawn jistgħu jsiru disponibbli għall-pubbliku ġenerali minn jew f'isem in-negozjant permezz ta' diversi mezzi, bħall-informazzjoni ppubblikata fir-reklami, fuq is-siti web jew fuq dokumentazzjoni prekuntrattwali jew kuntrattwali. Dawn il-kundizzjonijiet japplikaw fin-nuqqas ta' ftehim bil-kontra nnegozjat b'mod individwali magħmul b'mod dirett bejn in-negozjant u l-konsumatur. Il-patti u l-kundizzjonijiet li huma nnegozjati b'mod individwali bejn in-negozjant u l-konsumaturi ma għandhomx jitqiesu bħala kundizzjonijiet ġenerali tal-aċċess għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
- (12) Kemm il-konsumaturi kif ukoll l-impriżi għandhom jiġu ssalvagwardjati mid-diskriminazzjoni għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ta' stabbiliment tagħhom meta jaġixxu bħala konsumaturi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Madankollu, din il-protezzjoni ma għandhiex testendi għall-konsumaturi li qed jixtru prodott jew servizz għall-bejgħ mill-ġdid, peress li dan jaffettwa l-iskemi ta' distribuzzjoni użati b'mod wiesa' bejn l-impriżi f'kuntest minn negozju għal negozju, bħad-distribuzzjoni selettiva u esklużiva, li ġeneralment

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

²⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

tippermetti lill-manifatturi jagħżlu l-bejjiegħa bl-imnut tagħhom, soġġetti għall-konformità mar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

- (13) L-effetti għall-konsumaturi u fuq is-suq intern tat-trattament diskriminatorju b'rabta mat-tranżazzjonijiet kummerċjali relatati mal-bejgħ tal-prodotti jew mal-provvista tas-servizzi fi ħdan l-Unjoni huma l-istess, irrispettivament minn jekk in-negozjant huwiex stabbilit fi Stat Membru jew f'pajjiż terz. Għalhekk, u bl-għan li jiġi żgurat li n-negozjanti kompetituri jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti f'dan ir-rigward, il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw bl-istess mod għan-negozjanti kollha li qed joperaw fi ħdan l-Unjoni.
- (14) Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-konsumaturi biex ikollhom aċċess għal informazzjoni relatata mal-bejgħ tal-prodotti u l-provvista tas-servizzi fis-suq intern u biex tiżdied it-trasparenza, inkluż fir-rigward tal-prezzijiet, in-negozjanti ma għandhomx, permezz tal-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimpedixxu lill-konsumaturi milli jkollhom aċċess sħiħ u ugwali għal interfaċċi online abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tagħhom. Dawn il-miżuri teknoloġiċi jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, kwalunkwe teknoloġija użata biex tiddetermina l-post fiżiku tal-konsumatur, inkluż l-ittraċċar tiegħu permezz tal-indirizz tal-IP, il-koordinati miksuba permezz ta' sistema globali tan-navigazzjoni bis-satellita jew dejta relatata mat-tranżazzjoni tal-pagament. Madankollu, din il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-aċċess għal interfaċċi online ma għandhiex tinftehem li toħloq obbligu għan-negozjant li jidħol fi tranżazzjonijiet kummerċjali mal-konsumaturi.
- (15) Ċerti negozjanti joperaw verżjonijiet differenti tal-interfaċċi online tagħhom, li jimmiraw konsumaturi minn Stati Membri differenti. Filwaqt li dan għandu jibqa' possibbli, ir-ridirezzjonar ta' klijent minn verżjoni partikolari tal-interfaċċa online lejn verżjoni oħra mingħajr il-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha għandu jkun ipprobit. Il-verżjonijiet kollha tal-interfaċċa online għandhom jibqgħu aċċessibbli b'mod faċli għall-konsumaturi l-ħin kollu.
- (16) F'ċerti każijiet, l-imblukkar, l-illimitar tal-aċċess jew ir-ridirezzjonar mingħajr il-kunsens tal-konsumaturi lejn verżjoni alternattiva ta' interfaċċa online għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment jistgħu jkunu neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżit legali fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni. Dawn il-liġijiet jistgħu jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għal ċerti prodotti jew servizzi, pereżempju billi jipprojbixxu l-wiri ta' kontenut speċifiku f'ċerti Stati Membri. In-negozjanti ma għandhomx jitwaqqfu milli jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti u b'hekk ikunu jistgħu jimblukkaw, jillimitaw l-aċċess jew jidderieġu mill-ġdid ċerti konsumaturi jew konsumaturi f'ċerti territorji lejn interfaċċa online, sa fejn dak ikun meħtieġ għal din ir-raġuni.
- (17) F'numru ta' sitwazzjonijiet speċifiċi, kull differenza fit-trattament tal-konsumaturi permezz tal-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-aċċess, inklużi rifjuti diretti li jinbiegħu l-prodotti jew li jiġu pprovduti s-servizzi għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza u mal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi ma tistax tiġi ġġustifikata b'mod oġġettiv. F'dawn is-sitwazzjonijiet, kull diskriminazzjoni bħal din għandha tiġi pprobita u l-konsumaturi għandhom konsegwentement ikunu intitolati, skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex jidħlu fi

tranżazzjonijiet kummerċjali bl-istess kundizzjonijiet bħal konsumatur lokali u jkollhom aċċess sħiħ u l-istess aċċess għal kwalunkwe wieħed mill-prodotti jew is-servizzi differenti offruti irrispettivament min-nazzjonalità, mill-post tar-residenza jew mill-post tal-istabbiliment tagħhom. Għalhekk, fejn meħtieġ, in-negozjanti għandhom jieħdu miżuri biex tiġi żgurata l-konformità ma' din il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni f'każ li l-konsumaturi kkonċernati jkunu preklużi milli jkollhom aċċess sħiħ u ugwali bħal dan. Madankollu, il-projbizzjoni applikabbli f'dawk is-sitwazzjonijiet ma għandhiex tinftehem li tipprekludi lin-negozjanti milli jidderieġu l-attivitajiet tagħhom lejn Stati Membri differenti jew lejn ċerti gruppi ta' konsumaturi b'offerti mmirati u b'patti u kundizzjonijiet differenti, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' interfaċċi online speċifiċi għall-pajjiż.

- (18) L-ewwel waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet hija fejn in-negozjant ibiġh il-prodotti u ma jkun hemm l-ebda konsenja transfruntiera ta' daww il-prodotti minn jew f'isem in-negozjant lejn l-Istat Membru fejn jgħix il-konsumatur. F'din is-sitwazzjoni l-konsumatur għandu jkun jista' jixtri l-prodotti, eżattament bl-istess kundizzjonijiet, inklużi l-prezz u l-kundizzjonijiet relatati mal-konsenja tal-prodotti, bħall-konsumaturi simili li huma residenti tal-Istat Membru tan-negozjant. Dan jista' jfisser li l-konsumatur barrani jkollu jiġbor il-prodotti f'dak l-Istat Membru, jew fi Stat Membru differenti li n-negozjant ikun jikkonsenja fih. F'din is-sitwazzjoni, m'hemmx bżonn li wieħed jirreġistra għat-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") fl-Istat Membru tal-konsumatur u lanqas jagħmel arranġamenti għall-konsenja transfruntiera tal-prodotti.
- (19) It-tieni sitwazzjoni hija meta n-negozjant jipprovdi servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor, bħas-servizzi "cloud", is-servizzi tal-maħżen virtwali tad-dejta, l-ospitar tas-sit web u l-provvista tal-firewalls. F'dan il-każ, mhija meħtieġa l-ebda konsenja fiżika, peress li s-servizzi qed jiġu forniti b'mod elettroniku. In-negozjant jista' jiddikjara u jħallas il-VAT b'mod issimplifikat skont ir-regoli dwar il-VAT tal-Mini-One-Stop-Shop (MOSS) stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011²⁶.
- (20) Fl-aħħar nett, fis-sitwazzjoni fejn in-negozjant jipprovdi s-servizzi u daww is-servizzi jiġu rċevuti mill-konsumatur fil-post ta' jew f'lokazzjoni magħżula min-negozjant u li hija differenti mill-Istat Membru li l-konsumatur huwa ċittadin fih jew li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment, l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għal raġunijiet relatati ma' dawn il-kriterji ma għandhiex tiġi ġustifikata lanqas. Dawn is-sitwazzjonijiet jikkonċernaw, skont kif ikun il-każ, l-għoti tas-servizzi bħall-akkomodazzjoni f'lukanda, avvenimenti sportivi, kiri tal-karozzi, u biljetti tad-dħul għal festivals tal-mużika jew parks ta' divertiment. F'dawn is-sitwazzjonijiet, in-negozjant ma għandux għalfejn jirreġistra għall-VAT fi Stat Membru ieħor u lanqas ma għandu għalfejn jagħmel arranġamenti għall-konsenja transfruntiera tal-prodotti.
- (21) F'dawn is-sitwazzjonijiet kollha, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali u dwar il-ġurisdizzjoni stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 593/2008 u (UE) 1215/2012, fejn negozjant ma jwettaqx l-attivitajiet tiegħu

²⁶

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1).

fl-Istat Membru tal-konsumatur jew ma jidderigix l-attivitajiet tiegħu hemm, jew fejn il-klijent mhuwiex konsumatur, il-konformità ma' dan ir-Regolament ma timplika l-ebda spiża addizzjonali għan-negozjant assoċjata ma' ġurisdizzjoni jew ma' differenzi fil-liġi applikabbli. Fejn, b'kuntrast, negozjant iwettaq l-attivitajiet tiegħu fl-Istat Membru tal-konsumatur jew jidderieġi l-attivitajiet tiegħu hemm, in-negozjant ikun immanifesta l-intenzjoni tiegħu li jistabbilixxi relazzjonijiet kummerċjali mal-konsumaturi minn dak l-Istat Membru u b'hekk kien kapaċi jieħu kont ta' kwalunkwe spiża bħal din.

- (22) In-negozjanti li jaqgħu taħt l-iskema speċjali prevista fil-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE²⁷ mhumieħ obligati jħallsu l-VAT. Għal dawk in-negozjanti, meta jipprovdu s-servizzi elettronikament, il-projbizzjoni tal-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għal raġunijiet marbuta man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur timplika rekwiżit ta' reġistrazzjoni sabiex jitqies il-VAT ta' Stati Membri oħra u tista' timplika xi spejjeż addizzjonali, li jkunu piż sproporzjonat, meta wieħed iqis id-daqs u l-karatteristiċi tan-negozjanti kkonċernati. Għalhekk, dawk in-negozjanti għandhom ikunu eżentati minn dik il-projbizzjoni għall-perjodu ta' żmien li tkun applikabbli skema bħal din.
- (23) F'dawk is-sitwazzjonijiet kollha, in-negozjanti f'xi każijiet jistgħu jinżammu milli jbigħu l-prodotti jew milli jipprovdu s-servizzi lil ċerti klijenti jew lill-klijenti f'ċerti territorji, għal raġunijiet marbuta man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-klijent, b'konsegwenza ta' projbizzjoni speċifika jew ta' rekwiżit stipulat fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet ta' xi Stati Membri skont id-dritt tal-Unjoni. Il-liġijiet tal-Istati Membri jistgħu jirrikjedu wkoll, skont id-dritt tal-Unjoni, li n-negozjanti jirrispettaw ċerti regoli dwar l-ipprezzar tal-kotba. In-negozjanti ma għandhomx jitwaqqfu milli jikkonformaw ma' dawn il-liġijiet sa fejn ikun meħtieġ.
- (24) Skont id-dritt tal-Unjoni, in-negozjanti huma, fil-prinċipju, liberi li jiddeċiedu liema mezzi ta' pagament jixtiequ jaċċettaw, inkluż id-ditti tal-pagament. Madankollu, ladarba din l-għażla tkun saret, fid-dawl tal-qafas legali eżistenti tas-servizzi tal-pagamenti, ma hemm l-ebda raġuni għan-negozjanti biex jiddiskriminaw lill-konsumaturi fi ħdan l-Unjoni billi jirrifjutaw ċerti tranżazzjonijiet kummerċjali, jew inkella billi japplikaw ċerti kundizzjonijiet differenti tal-pagamenti fir-rigward ta' dawn it-tranżazzjonijiet, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post ta' residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur. F'dan il-kuntest partikolari, dan it-trattament mhux iġġustifikat u mhux ugwali għal raġunijiet relatati mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument tal-pagament fi ħdan l-Unjoni għandu jkun ukoll espressament ipprojbit. Għandu jkun imfakkar ukoll li r-Regolament (UE) Nru 260/2012 diġà jipprojbixxi lill-benefiċjarji kollha, inklużi n-negozjanti, milli jobbligaw li l-kontijiet bankarji jkunu minn ċertu Stat Membru sabiex jiġi aċċettat li l-pagamenti jsiru bil-euro.

²⁷

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1–118).

- (25) Id-Direttiva 2015/2366/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸ introduċiet rekwiżiti stretti tas-sigurtà għall-inizjazzjoni u għall-ipproċessar tal-pagamenti elettroniċi li naqsu r-riskji tal-frodi għall-mezzi kollha ġodda u daww iktar tradizzjonali ta' hla, speċjalment għall-pagamenti online. Il-fornituri tas-servizz tal-pagamenti għandhom japplikaw l-hekk imsejħa awtentikazzjoni tal-klijent, proċess ta' awtentikazzjoni li jivvalida l-identità tal-utent ta' servizz ta' pagament jew tat-tranżazzjoni tal-pagament. Għat-tranżazzjonijiet mill-bogħod, bħall-pagamenti online, ir-rekwiżiti tas-sigurtà huma saħansitra iktar stretti, u jeżiġu rabta dinamika bejn l-ammont tat-tranżazzjoni u l-kont ta' min jirċievi l-hla, biex l-utent ikun imħares iktar bil-minimizzazzjoni tar-riskji fil-każ ta' żbalji jew attakki qarrieqa. B'riżultat ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-riskju tal-frodi fil-pagamenti fix-xiri nazzjonali u dak transfruntier inġab f'livell indaq u ma għandux jintuża bħala argument għar-rifjut jew id-diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tranżazzjoni kummerċjali fl-Unjoni.
- (26) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni, u b'mod partikolari l-Artikoli 101 u 102 TFUE. Ftehimiet li jimponu fuq in-negozjanti obbligi biex ma jinvolvu ruħhom f'bejgħ passiv fis-sens tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010²⁹ lil ċerti konsumaturi jew konsumaturi f'ċerti territorji huma meqjusa b'mod ġenerali restrittivi għall-kompetizzjoni u ma jistgħux normalment jiġu eżentati mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE. Anki meta ma jaqgħux taħt l-Artikolu 101 TFUE, fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dawn ifixklu l-funzjonament xieraq tas-suq intern u jistgħu jintużaw biex jiġu evitati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn il-ftehimiet u ta' ftehimiet oħrajn fir-rigward tal-bejgħ passiv li jirrikjedu lin-negozjant jaġixxi bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom għalhekk ikunu awtomatikament nulli. Madankollu, dan ir-Regolament, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, ma għandux jaffettwa l-ftehimiet li jirrestrinġu l-bejgħ attiv fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 330/2010.
- (27) L-Istati Membri għandhom jaħtru korp wieħed jew iżjed responsabbli għat-teħid ta' azzjoni effettiva biex tiġi mmonitorjata u żgurata l-konformità mad-dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li jkun jistgħu jiġu imposti pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq in-negozjanti fil-każ ta' kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament.
- (28) Il-konsumaturi għandhom ikunu fil-pożizzjoni li jirċievu assistenza mill-awtoritajiet responsabbli li tiffaċilita r-riżoluzzjoni tal-kunflitti man-negozjanti, li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' formola tal-ilmenti uniformi.
- (29) Dan ir-Regolament għandu jiġi evalwat regolarment, bil-għan li jiġu proposti l-emendi meta jkun hemm bżonn. L-ewwel evalwazzjoni għandha tikkonċentra, b'mod partikolari, fuq il-possibbiltà li l-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) tiġi estiża għal servizzi

²⁸ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35-127).

²⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU L 102, 23.4.2010, p. 1).

forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

- (30) Bl-għan li jiġi ffaċilitat l-infurzar effettiv tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-mekkaniżmi sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti previsti fir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰ għandhom ikunu disponibbli wkoll fir-rigward ta' dawn ir-regoli. Madankollu, peress li r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 japplika biss fir-rigward tal-liġijiet li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi, dawn il-miżuri għandhom ikunu disponibbli biss meta l-klijent ikun konsumatur. Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (31) Sabiex tippermetti t-tressiq tal-azzjonijiet għall-inġunzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi fir-rigward tal-atti kontra dan ir-Regolament skont id-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, din id-Direttiva għandha tiġi emendata wkoll, sabiex tinkludi referenza għal dan ir-Regolament fl-Anness I tagħha.
- (32) In-negozjanti, l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati l-oħrajn għandu jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għal, u biex jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tas-servizzi forniti b'mod elettroniku, minbarra servizzi li l-karatteristika ewlenija tagħhom hija l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor, huwa xieraq li tiġi applikata l-projbizzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) biss minn data aktar tard fir-rigward tal-provvista ta' dawn is-servizzi.
- (33) Sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi indirizzata b'mod effettiv id-diskriminazzjoni diretta jew indiretta abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi, huwa xieraq li jiġi adottat Regolament, li japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha. Dan huwa neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar in-nondiskriminazzjoni madwar l-Unjoni u d-dħul fis-seħħ tagħhom fl-istess ħin. Regolament biss jiżgura l-grad ta' ċarezza, uniformità u ċertezza legali li hija meħtieġa sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn dawn ir-regoli.
- (34) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni diretta u indiretta abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi, inkluż l-imblukkar ġeografiku fi tranżazzjonijiet kummerċjali ma' negozjanti fi ħdan l-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba n-natura transfruntiera tal-problema u ċ-ċarezza insuffiċjenti tal-qafas legali eżistenti, iżda minflok jista', minħabba l-iskala u l-effett potenzjali tiegħu fuq il-kummerċ fis-suq intern jinkiseb b'mod aħjar fil-livell tal-Unjoni, din tal-aħħar tista' tadatta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5

³⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi) (ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1).

³¹ Id-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 30).

tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

- (35) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipju rikonoxxut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura rispett sħiħ tal-Artikoli 16 u 17 tagħha,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi jipprevjeni d-diskriminazzjoni abbażi, b'mod dirett jew indirett, tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi.
2. Dan ir-Regolament japplika għas-sitwazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) fejn in-negozjant ibiġh prodotti, jipprovdi servizzi, jew ifittex li jagħmel dan, fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza jew il-post ta' stabbiliment;
 - (b) fejn in-negozjant ibiġh prodotti, jipprovdi servizzi, jew ifittex li jagħmel dan, fl-istess Stat Membru li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment, imma l-konsumatur huwa ċittadin ta' Stat Membru ieħor;
 - (c) fejn in-negozjant ibiġh prodotti jew jipprovdi servizzi, jew ifittex li jagħmel dan, fi Stat Membru li fih il-konsumatur qed joqgħod b'mod temporanju mingħajr ma jgħix f'dak l-Istat Membru jew mingħajr ma għandu post ta' stabbiliment f'dak l-Istat Membru.
3. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2006/123/KE.
4. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli għall-qasam tat-tassazzjoni.
5. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-atti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili. Il-konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tkun interpretata li timplika li n-negozjant jidderieġi l-attivitajiet tiegħu jew tagħha lejn l-Istat Membru fejn il-konsumatur għandu r-residenza abitwali jew id-domiċilju fis-sens ta' punt (b) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 u punt (c) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012.
6. Meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2006/123/KE, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jipprevalu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011, l-Artikolu 2(10), (20) u (30) tar-Regolament (UE) Nru 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³² u l-Artikolu 4(8), (9), (11), (12), (14), (23), (24) u (30) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom japplikaw.

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

- (b) "konsumatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li qed taġixxi għal finijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tiegħu jew tagħha;
- (c) "klijent" tfisser konsumaturi, jew impriżi, li huma ċittadini tal-Istat Membru jew għandhom il-post tar-residenza jew tal-istabbiliment tagħhom fi Stat Membru, u għandhom l-intenzjoni li jixtru jew jixtru prodotti jew servizzi fi ħdan l-Unjoni, ħlief għal bejgħ mill-ġdid;
- (d) "kundizzjonijiet ġenerali ta' aċċess" tfisser it-termini, il-kundizzjonijiet u l-informazzjoni l-oħra kollha, inklużi l-prezzijiet tal-bejgħ, li jirregolaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-prodotti u s-servizzi offruti għall-bejgħ minn negozjant, li huma stabbiliti, applikati u magħmula disponibbli għall-pubbliku inġenerali minn jew f'isem in-negozjant u li japplikaw fin-nuqqas ta' ftehim innegozjat b'mod individwali bejn in-negozjant u l-konsumatur;
- (e) "prodotti" tfisser kwalunkwe oġġett tanġibbli u mobbli, bl-eċċezzjoni ta' oġġetti mibjugħa permezz tal-eżekuzzjoni jew mod ieħor bl-awtorità tal-liġi; l-ilma, il-gass u l-elettriku għandhom jitqiesu bħala prodotti fis-sens ta' dan ir-Regolament fejn dawn jitqiegħdu għall-bejgħ f'volum limitat jew fi kwantità stabbilita;
- (f) "interfaċċa online" tfisser kwalunkwe softwer, inklużi siti web u applikazzjonijiet, imħaddma minn jew f'isem negozjant, li għandu r-rwol li jagħti aċċess għall-prodotti jew għas-servizzi tan-negozjant lill-konsumaturi bl-għan li jidħlu fi tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' daww il-prodotti u s-servizzi;
- (g) "servizz" tfisser kwalunkwe attività ekonomika b'impjeg indipendenti, li normalment tkun ipprovduta għar-remunerazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 57 tat-Trattat;
- (h) "negozjant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, irrispettivament minn jekk għandhiex sjieda privata jew pubblika, li qed taġixxi, inkluż permezz ta' kwalunkwe persuna oħra f'ismu jew f'isimha jew għan-nom tiegħu jew tagħha, għal skopijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tiegħu jew tagħha.

³²

Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-transazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

Artikolu 3

Aċċess għal interfaċċi online

1. In-negozjanti ma għandhomx, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur.
2. In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza jew ta' post tal-istabbiliment partikolari, sakemm il-konsumatur ma jagħtix il-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha qabel dan ir-ridirezzjonar.

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni oriġinali tal-interfaċċa online għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli għal dak il-konsumatur.

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-imblukkar, il-limitazzjoni tal-aċċess jew ir-ridirezzjonar fir-rigward ta' ċerti konsumaturi jew ta' konsumaturi f'ċerti territorji, ikunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżit legali fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.
4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online f'konformità mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Artikolu 4

Aċċess għall-prodotti u s-servizzi

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ta' stabbiliment tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) fejn in-negozjant ibigħ prodotti u dawn il-prodotti ma jiġux konsenjati b'mod transfruntier lejn l-Istat Membru tal-konsumatur minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha;
 - (b) fejn in-negozjant jipprovdi servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-ġhoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor;

- (c) fejn in-negozjant jipprovdi servizzi, għajr daww koperti mill-punt (b), u dawn is-servizzi jiġu forniti lill-konsumatur fil-bini tan-negozjant jew f'post fiżiku li fih jopera n-negozjant, fi Stat Membru għajr dak li fih il-konsumatur huwa ċittadin jew li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment tiegħu.
2. Il-projbizzjoni stipulata fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal negozjanti li huma eżentati mill-VAT abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tat-*Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE*.
 3. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika jekk dispożizzjoni speċifika stabbilita fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni tipprevjeni lin-negozjant milli jbigħ il-prodotti jew milli jipprovdi s-servizzi lil ċerti konsumaturi jew lil konsumaturi f'ċerti territorji.

Fir-rigward tal-bejgħ tal-kotba, il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi lin-negozjanti milli japplikaw prezzijiet differenti lill-klijenti f'ċerti territorji jekk dawn ikunu obbligati jagħmlu hekk bil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 5

Nondiskriminazzjoni minħabba raġunijiet relatati mal-pagament

1. In-negozjanti ma għandhomx, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi, fejn:
 - (a) dawn il-pagamenti jsiru permezz ta' tranżazzjonijiet elettroniċi bi trasferiment tal-kreditu, b'debitu dirett jew bi strument ta' pagament bil-kards fl-istess ditta tal-pagamenti;
 - (b) il-benefiċjarju tal-ħlas jista' jitlob għal awtentikazzjoni b'saħħitha tal-konsumatur mill-kontribwent skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u
 - (c) il-pagamenti jkunu f'munita li l-benefiċjarju jaċċetta.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-possibbiltà li n-negozjanti jitolbu ħlasijiet għall-użu ta' strument ta' pagament bil-kards li għalih it-tariffi tal-interkambju mhumieq regolati skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2015/751 u għal daww is-servizzi ta' pagament li għalihom ma japplikax ir-Regolament (UE) Nru 260/2012. Dawn il-pagamenti ma għandhomx jaqzbu l-ispejjeż imġarrba min-negozjant għall-użu tal-istrument ta' pagament.

Artikolu 6

Ftehimiet dwar bejgħ passiv

Il-ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv, biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli.

Artikolu 7

Infurzar mill-awtoritajiet tal-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp wieħed jew aktar biex ikunu responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mezz adegwati u effettivi mal-korp jew mal-korpi maħtura sabiex tiġi infurzata l-konformità ma' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 8

Assistenza lill-konsumaturi

1. Kull Stat Membru għandu jagħti responsabbiltà għall-għoti ta' assistenza Prattika lill-konsumaturi lil korp jew korpi fil-każ ta' tilwim bejn konsumatur u negozjant li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp wieħed jew aktar biex ikunu responsabbli għal dan il-kompitu.
2. Il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom joffru lill-konsumaturi mudell ta' formola uniformi biex iressqu l-ilmenti lill-korpi msemmija fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 7(1). Il-Kummissjoni għandha tassisti lil dawn il-korpi fl-iżvilupp ta' dan il-mudell ta' formola.

Artikolu 9

Klawżola ta' reviżjoni

1. Sa [Data: sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.
2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

Artikolu 10

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE

1. Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 il-punt *[numru]* li ġej huwa miżjud: "[numru] [titolu sħiħ ta' dan ir-Regolament] (ĠU L XX, XX.XX.Sena, p. X), meta l-klijent ikun konsumatur fis-sens tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru XXXX/Sena biss."
2. Fl-Anness I tad-Direttiva 2009/22/KE huwa miżjud il-punt [numru] li ġej: "[numru] [titolu sħiħ ta' dan ir-Regolament] (ĠU L XX, XX.XX.Sena, p. X)."

Artikolu 11

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn *[data: sitt xhur wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu]*.

Madankollu, il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2018.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President